MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 192/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Ivan Cilia**
**vs**
**Charles Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Charles Vella ta' 50 sena bin Joseph John u Maria Dolores nee' Camilleri imwieled l-Iskozja fil-21 ta' Frar 1960 u residenti f' numru 1, Triq il-Vajrita, Marsascala u detentur tal-karta tal-identita' numru 239983(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F' Novembru 2007 u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, u cioe' s-somma flus ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema somma flus giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema flus gew

fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu , jew minhabba depozitu necessarju.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsam mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-1 ta' Gunju 2011 (inserita a fol. 108 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

a. fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 17, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri maghmula mid-Difza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw l-allegata misapprorijazzjoni da parti tal-imputat, in-Nutar Charles Vella Zarb, tal-ammont ta' Lm3290 liema ammont jirrapprezenta il-Capital Gains Tax dovut mill-bejjiegh, is-socjeta' L&A Camilleri Limited, fuq kuntratt ta' bejgh ta'

maisonette f'Haz-Zabbar li sar fit-8 ta' Novembru 2007 [1] fejn ix-xerrejja kienu Malcolm Degiorgio u Graziella Vella. L-imputat kien in-Nutar li ppublika dan l-att. Mill-provi jirrizulta li fil-21 ta' Lulju 2008 Pius Camilleri ghan-nom ta' L&A Camilleri Limited ghamel rapport lil Economic Crimes Unit fi hdan il-Pulizija Ezekuttiva fejn sostna li l-ammont li huwa kien ghadda lill-imputat kien ghadu ma thallasx lil [2]Kummissarju tat-Taxxi Nterni u dan nonostante li kienu saru diversi tentattivi da parti tal-kwerelant sabiex ifakkar lil-imputat dwar dan in-nuqqas fejn kien anki nfurmah li kien ser jaghmel rapport mal-Pulizija. Mill-provi rrizulta wkoll li meta sar il-kuntratt ta' bejgh de quo ix-xerrejja hallsu s-somma ta' Lm1645 bhala boll dovut fuq dan l-att. Irrizulta wkoll li l-anqas dan l-ammont ma kien thallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fid-data li fiha gie ppublikat l-att relattiv. Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat irrilaxxja stqarrija fit-8 ta' Awwissu 2008 fejn huwa spjega li nonostante li kien jaf li huwa kellu l-obbligu skond il-ligi li jirregistra il-kuntratt tat-8 ta' Novembru 2007 fi zmien 21 gurnata mid-data li fiha ikun sar l-kuntratt huwa qal li ma setghax jaghmel dan peress li ma sabx il-promise of sale number tal-konvenju relattiv ghall-kuntratt de quo u kien ghalhekk li huwa la ghadda l-pagamenti relativi ghal boll u l-Capital Gains Tax lil Inland Revenue Department u l-anqas insinwa il-kuntratt relattiv. Huwa qal ukoll li fit-28 ta' Lulju 2008 kien effetwa l-pagamenti relattivi[3]. Mill-provi rrizulta wkoll li l-ammont ta' Lm3290 indikat fic-cheque datat 8 ta' Novembru 2007[4] mahrug minn L&A Camilleri Limited gie depozitat fil-kont personali tal-imputat mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 01315321800l[5] fit-23 ta' Novembru 2007.

Ikkunsidrat:

---

[1] Kopja relattiva nserita a fol. 27 sa 29 tal-atti processwali

[2] Inserita a fol. 14 u 15 tal-atti processwali.

[3] Mill-atti fil-fatt jirrizulta li sar dan il-pagament fid-data ndikata skond ma jidher fl-ircevuta nserita a fol. 36 tal -atti processwali u skond ma jirrizulta mix-xhieda ta' Ivan Portelli mill-ufficcju tal-Capital Transfers fi hdan l-Inland Revenue Department.

[4] Cheque image inserit a fol. 64 tal-atti processwali.

[5] Ara xhieda ta Audrey Ghigo ir-raprezentant ta' HSBC Bank Malta plc li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tal-5 ta' Mejju 2011 u tal-10 ta' Gunju 2011 u mid-dokumenti minnha esibiti.

Illi l-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta’ Jannar 2012 fejn huwa kkonferma li kien in-Nutar li ppublika il-kuntratt tat-8 ta’ Novembru 2007 u kkonferma wkoll li huwa kien ircieva l-ammont ta’ Lm3290 minghand il-bejjiegh bhala Capital Gains Tax u li huwa kien iddepozita ic-cheque fil-kont personali tieghu. Huwa qal li xi tmien xhur wara li sar il-kuntratt xi hadd mill-partijiiet kien ikkomunika mieghu u qallu li l-kuntratt ma kienx gie insinwat u l-Capital Gains Tax u l-boll relattivi ma kienux thallsu lil Inland Rvenue Department. Huwa qal li wara li ghamel il-verifiki rrizultalu li effettivament hekk kien gara u li dan kien sehh ghaliex bi zball il-kuntratt relattiv kien gie mpoggi mal-kuntratti li kienu gja tlesta x-xoghol fuqhom. Huwa qal li wara li vverifika dan il-fatt huwa kien hallas il-pagamenti relattivi u nsinwa il-kuntratt.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga’ ntqal aktar ‘il fuq l-mputat jinsab addebitat bl-imputazzjoni ta’ approprijazzjoni ndebita fejn l-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tal-1 ta’ Gunju 2011 indika li tista’ tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Mill-atti jirrizulta li l-imputat ircieva l-ammont ta’ Lm3290 minghand is-socjeta’ L&A Camilleri Limited sabiex huwa jhallas il-Capital Gains lil Inland Revenue Department, irrizulta wkoll li huwa ddepozita dan l-ammont fil-kont personali tieghu fit-23 ta’ Novembru 2007 u li huwa ma hallasx l-ammont relattiv lid-Dipartiment izda utilizza dawn il-flus mod iehor billi ddispona minnhom jew ghall-uzu personali tieghu jew altrimenti ghal terzi. Dan jirrizulta mill-bank statements inseriti a fol. 45 et sequitur tal-atti processwali minn fejn jidher li saru diversi transazzjonjiet fuq dan il-kont u fil-fatt fil-11 ta’ Dicembru 2007 dan il-kont kien in debit Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li ‘la aproriazione indebita si consuma col disporre della cosa altrui contro la legge del patto stipulato in buona fede’[6]. Mill-bank statement relattiv ghall-kont tal-imputat li fih gew depozitati l-Lm3290 li thalllsu lilu minn

[6] Ref Maino: Commento al Codice Penale Italiano Vol IV pagna 104; ref Pulizija vs Raymond Falzon Appell Kriminali 17.04.1998; ref Pulizija vs John Bamber Appell Kriminali 08.06.2001

L&A Camilleri Limited sabiex huwa jghaddihom lil Inland Revenue Department jidher li huwa utilizza dawn il-flus fdati lilu ghal xi skop iehor u li kien biss meta saret komunikazzjoni mieghu mill-Pulizija li huwa mar ihallas l-ammont relattiv lil Inland Revenue Department u insinwa l-kuntratt. Id-Difiza ssostni li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-element formali tar-reat ta' approprijazzjoni indebita ghaliex ma giex pruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni li juza dawn il-flus ghal skop iehor minn dak li gew lilu fdati mis-socjeta' L&A Camilleri Limited. Id-Difiza tghid li l-ammont relattiv ma thallasx ghaliex sar zball mill-imputat fejn huwa pogga il-kuntratt ma kuntratti diga' lesti u li malli nduna bl-izball ghaliex ingibditlu l-attenzjoni dwar dan il-fatt minn xi hadd mill-partijiet huwa irrimedja l-affarijiet fi zmien gimgha. Il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi mressqa mid-Difiza u jidrilha li mill-provi rrizulta mod iehor. Huwa minnu li ghadda biss perijodu ta' gimgha minn meta sar ir-rapport lil Pulizija sa meta l-imputat hallas l-ammont relattiv lil Inland Revenue izda huwa wkoll minnu li mix-xhieda ta' Pius Camilleri u ta' ibnu Ludwig Camilleri rrizulta li dawn kienu ilhom isusu wara l-mputat sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni zmien qabel huma ghamlu r-rapport u l-imputat kien addirittura qed jaqtalhom it-telephone meta jcemplulu sabiex ifakruh. Il-Qorti tirrileva ulterjorment li meta rrilaxxja l-istqarrija l-imputat indika li ma kienx insinwa il-kuntratt u hallas it-taxxa dovuta fuq dan l-att ghaliex ma setghax isib il-promise of sale number tal-konvenju relattiv mentri meta xehed f'dawn il-proceduri huwa ma semma xejn dwar dan u qal li il-kuntratt kien tpogga mal-kuntratti lesti. Il-Qorti jidrilha li l-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati taghha.

Ghal finjiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat  il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li llum il-gurnata huwa rrimedja s-sitwazzjoni qabel ma ttiehdu proceduri kontra tieghu .

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-1 ta Gunju 2011 u senjatament l-Artikoli 293, 294 u 310)1)(a) tal-Kodici

Krinminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jkkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------